

# L-Artal tal-Madonna ta' Lourdes fil-Knisja tal-Fontana

Mario Fenech

Wieħed mill-Artali tal-knisja parrokkjali tal-qalb ta' Ġesù fil-Fontana huwa ddedikat lill-Madonna ta' Lourdes.

Din il-Knisja tal-Fontana tlestiet lejn l-aħħar tax-xahar ta' April tas-sena 1902 u ġiet imbierka flimkien mal-oratorju nhar l-ewwel jum ta' Ġunju tal-istess sena mill-Isqof Mons. Giovanni Maria Camilleri. Kemm il-faċċata tal-Knisja kif ukoll il-koppla ġew mibnija matul is-sena ta' wara biex ix-xogħol kollu tal-bini tal-knisja kien lest.

Ġiet ikkonsagrata solennement mill-istess Isqof Mons.Giovanni Maria Camilleri nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar 1905.

Il-Poplu ta' dan ir-raħal ċkejken tal-Fontana ħadem ħafna biex din il-knisja ma jkun jonqosha xejn u tqabbdu numru t'artisti biex jagħmlu x-xogħol tagħhom fil-knisja, kif ukoll kienu nġiebu xi opri minn knejjes oħrajn.

Wieħed minn dawn l-artisti li ħadem fil-knisja huwa l-artist Lazzaro Pisani. Hawnhekk għamel erbgħa kwadri fid-daħla tal-kor, żewġ kwadri laterali fil-kappellun ta' San Ġużepp, żewġ kwadri laterali fil-kappellun tar-rużarju, il-kwadru tal-martirju ta' San Pawl u l-kwadru tal-Madonna ta' Lourdes għal fuq tnejn mill-artali tal-knisja.

Il-kwadru tal-Madonna ta' Lourdes għamlu fis-sena 1906 meta kellu 42 sena u kien diġà lesta bosta mix-xogħlijiet tiegħu għal numru ta' knejjes oħrajn f'Malta u Għawdex. Kien ħallas għal dan il-kwadru il-Kanonku Carmelo Sultana.

F'dan il-kwadru l-figura tal-Madonna narawha fil-mod li bih kienet iddeskrivieta Bernardette Soubiru, b'libsa bajda u b'faxxa ċelesti nieżla minn ma qaddha. Bilwieqfa fuq medda ta' ward u b'idejha ma' xulxin. Stillarju ta' tnax il-kewkba madwar rasha filwaqt li hawnhekk l-artist għażel li jpinġi il-ħarsa tagħha 'l fuq.

Minn ma' idejn il-leminija tagħha hemm imdendla kuruna kbira tar-rużarju.

Nixxiegħa t'ilma tidher nieżla mill-blat li fuqu qiegħda wieqfa din il-''Mara liebsa l-abjad''.

Lil Bernardina l-artist pinġieha għarkupptejha fl-art quddiem ix-xbieha tal-Madonna. Idejha t-tnejn miftuħin u merfugħin 'il fuq qiegħda turi l-kuruna tar-rużarju lil dik li kienet qaltilha waqt waħda mid-dehriet tagħha biex ixxerred id-devozzjoni lejn din it-talba importanti għas-salvazzjoni tagħna. Din ix-xena ta' waħda mid-dehriet tal-Madonna lil Bernardette f'Lourdes l-artist Lazzaro Pisani ippreżentaha fuq din it-tila fl-ambjent naturali ta' fejn seħħew dawn id-dehriet, jiġifieri fil-grotta bl-ambjent tal-madwar b'dettalji tassew sbieħ.

Dan huwa xogħol li jirrakkonta din il-ġrajja bl-aħjar mod fi kwadru sabiħ li jinsab f'din il-knisja tal-Fontana.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.